-

11 ta’ Novembru 2009

Ref. 5/194/04

**Minuti tal-Laqgha Nru. 34**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 10 ta’ Novembru 2009, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**1) Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-laqgha Nru. 33**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri prezenti w iffirmati mis-Sindku w mis-Segretarju.

1) **Korrispondenza**

**1.1-Ittra mis-Sur Frans Stabile** li ghandu Good Taste Bar biex jkun jista johrog zewg mwejjed fi Triq Telghet Paola. Il-membri tal-Kunsill ma approvawx li ghandu jinghata permess.

**1.2-Ittra minn Fair Trading Ltd** Din il-Kumpanija qeghda toffri li tissuplixxi lilll-Kunsill bi bring in-sites godda u tnaddafhom hi stess. Il-membri tal-Kunsill ghamlu kumitat compost mis-Segretarju il-Kunsillier Seychell u l-Vici Sindku biex jiltaqgha ma din il-Kumpanija u jaraw x'qeghda toffri

**1.3 – Ittra mir-Residenti Triq il-Knisja** dawn baghtu petizzjoni li l-Kunsill li ma jsibu l-ebda oggezzjoni li tal-Hut jarma fi Triq taghhom. Il-Kunsill ma ghandu l-ebda intenzjoni li jnehhih minn postu.

**1.4 – Ittra mill-Ambaxxata Russa** biex jaghmlu kuncert flimkien mal-Kunsill gewwa Paola. Il-Kunsillier Lynch qal li kellu kuntatti maghhom biex il-Kuncert issir nahr l-hamis 15 ta' Ottubru 2009 fis-7.00pm fil-Kazin tal-Banda Kristu Re bhala spejjes l-Kunsill kull ma ser ikollu huma t-Trasport u d-*drinks u refreshments* li ser jigu offruti lill-bandisti. Il-membri tal-Kunsill aprovaw din l-attivita'.

**1.5 – Ittra mis-Sinjura Cassar** qieghda tinforma lill-Kunsill biex taghmel kors tal-Ispanjol fil-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**1.6 – Quotation Minn Micro Chip Computers** Is-Segretarju qal li talab Kwotazzjoni ghal computer u 2 tft godda minhabba li kellu il-Kunsill kienu marru. Il-Kunsill approva din il-Kwotazzjoni ghall-amont ta' €870.00.

**1.7 Ittra minn Rita Delezio** fejn qeghda tistaqsi fejn qeghda il-plakka bl-ismijiet ta' l-ewwel kunsill u tixtieq tkun taf meta ha ssir Triq l-Arkata bit-Tarmak. Is-Segretarju qali li ser jinvestiga din il-plakka fejn marret u t-Tender biex Triq l-Arkata ssir bit-Tarmak tinhareg din il-gimgha.

**1.8 Ittra mill-Avukat Micallef Ellul Advocates** f'isem 28 kummercjant li ghandhom stabbiliment f' Paola biex jiltaqghu mal-Kunsill halli jiddiskutu il-problem tal-parking. Is-sindku qal li lest jaghmel laqgha maghhom ghalhekk qal lis-segretarju biex jaghmel laqgha maghhom.

**1.9 Memo 69** Id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali qieghed jistaqsi lill-Kunsill ghandux post fejn jista jikrilu biex jaghmel l-Ufficini Regjonali. Il-Membri tal-Kunsill qalu li m'ghandniex post x'noffrulhom.

**1.10 Ittra mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan** biex fis-7 ta' Dicembru jorganizzaw 0ne day tournament fil-Hibs Nursery Ground. Il-Membri tal-Kunsill approvaw din talba.

**1.11 – Ittra mill-Iskola Primarja A** Is-Surmast tal-iskola qieghda titlob lill-Kunsill biex jibda jaghmel il-bollards biex jinghalqu t-Toroq ta' l-iskola minhabba li l-haddiem taghh ghandu ittra mill-Union li mhux ser jibqghu jaghmlu dan ix-xoghol. Il-Membri tal-Kunsill iddecidew li din mhux responsabilta taghhom.

**1.12 – Ittra mic-Childcare Centre Peprina** fejn qeghdin jitolbu biex issir laybay quddiem l-iskola ghal- uzu tal-iskola stess. Il-Membri tal-kunsill qablu li dawn ghandhom l-ewwel japplikaw l-ADT imbaghad wara li jgibu permess il-Kunsill jkun jista jaghmilha.

**1.13 – Ittra mill –Avukat Stafrace** f'isem is-Sur Tancred Debono ghax qieghed iffitex lill-Kunsill ghad-danni li dan soffra wara li dahal f'hofra f' Rahal Gdid. Il-Membri tal-Kunsill qablu li din l-ittra nghadduha l-Avukat tal-Kunsill ghaliex l-indirizz tal-Kunsill huwa hazin u allura il-Kunsill ma giex notifikat.

**1.14 – Poster ghal Fun Run** Is-Sindku qal li li rcevejna poster ghal Fun Run li sejjer jorganizza il-President ta' Malta nhar is-6 ta' Dicembru 2009 biex nibghatu lill-Ghaqdiet

**Kwotazzjonijiet**

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet biex jinxtraw tlett Airconditioners biex jitwahhlu fl-ufficini tal-Kunsill dawn kienu dik ta' *Sound Machine* ghal prezz ta' € 2,095.00, dik ta' Tekno Ltd ghal prezz ta' €2,395.00 u dik ta' Maresco ghal prezz ta' €2,645.00. Il-membri tal-Kunsill approvaw dik ta' Sound Machine ghal prezz ta' €2,095.00.

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni biex issir patching f' diversi Toroq madwar Paola. Kwotazzjoni dahlet wahda biss dik ta' Schembri Bros ghal prezz €11.65 kull metru kwadru. Il-Membri tal-Kunsill approvaw din il-kwotazzjoni biex ix-xoghol jibda minnufih.

Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni biex issir newsletter tal-Kunsill ghal zmien il-Milied li hi ta' JR Print ghal prezz ta' €150.00 ghal 2500 kopja. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**3) Xoghlijiet pendenti mal-Water Service Corporation**

Is-Sindku qal li fuq il-progett li ghaddej fil-Pjazza hu kien ftiehem mal-Water Services Corporation kif ghandha ssir il-bankina imma qabel ridna stima ta' kemm ser tigi.

Il-Kunsillier Borg Myatt ippropona li naghmlu protest gudizjarju kontra l-Water Services Corporation minhabba li x-xoghol ma sarx skond kif kien il-ftehim forsi jaghtuna l-flus ta' danni li sofra il-Kunsill imbaghad b'dawk il-flus nergghu naghmlu l-bankini sewwa.

Is-Sindku qal li dan il-kuntrattur ghandu jieqaf gewwa Paola ghaliex il-Bankini li qieghed jaghmel mhumiex ta' kwalita tajba.

**4 ) Attivitajiet tal-Milied**

Il-Kunsillier Dalli qal li ghal din is-sena il-Kunsill flimkien mal- Band Kristu Re ser jorganizza Milied Imdawwal nhar 19 ta' Dicembru 2009 . Dakinhar ser ikun hawn attivitajiet madwar il-Pjazza Kollha ser jinfetha l-Habs ta' Kordin ser jintremaw tined li tahthom ser ikun divertiment ghal kulhadd ghaddej.

Huwa kompla jghid li l-ghaqdiet ser jippartecipaw kollha f'din l-okkazzjoni. Ghal din l-Okkazzjoni l-Kunsill applika ghal fondi mill-Unjoni Ewropeja biex tghin fl-ispejjes li hemm involuti.

**Armar tal-Milied**

Il-Kunsillier Dalli qal li ghal din is-sena il-Kunsill ser jissusidja l-armar tal-Milied billi jaghti ghajnuna li Banda Kristu Re u l-Ghaqda Socjali Kristu Sultan ta' €700.00 biex jarmaw il-pjazza bhalissa qieghed ukoll fuq diskussjoni mal-ghaqda nar u armar biex jarmaw Telghet Paola halli ghal Milied Imdawwal jkollna r-rahal mixghul kollu.

Il-Kunsillier Lynch qal li ghal Milied din is-sena ser jorganizza Party ghall-Anzjani nhar it-3 ta' Dicembru 2009 fil-Palace Theatre bil-Prezz ta' €5.00 biex nkopru ftit mill-ispejjes li ghandna ghal enterntainemnt u ghall ikel. Ghal ikel il-Kunsillier Lynch ipprezenta zewg kwotazzjonijiet ghal prezz €2.50 dik ta' Zammit Cateres b'ghaxar items u dik ta' Croce Bonaci ghal tmien items. Il-membri tal-kunsill aprovaw dik ta' Zammit Caterers ghax fiha aktar items. Il-Membri tal-Kunsill qablu ukol li jissusidjaw l-Entertainment u rigali ghal din l-attivita'.

Il-Kunsillier Lynch qal ukoll li ghal din is-sena sejjer jorganizza ukoll il-Party ta' Tfal nhar il-Gimgha 18 ta' Dicembru 2009 ghal prezz ta' tlett Euro. Il-membri tal-Kunsill approvaw li jsir u ser jissusidjaw ir-rigali ukoll.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-8.45pm.

Approvati Illum ___________

___________ ________________

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku